# Inkomplu nimxu ’l quddiem



*Anthony Schembri*
**Segretarju Finanzjarju**

Għaddiet sena oħra u erġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa ta’ Marija Bambina. Kienet sena li għaddiet f’ħakka t’għajn u dan għaliex kienet mimlija b’ħafna impenji fi ħdan is-Soċjetà tagħna, li tant hi għal qalbna.

L-Għaqda tagħna baqgħet miexja ’l quddiem, sena wara l-oħra. Qatt ma waqafna, imma bqajna għaddejjin naħdmu biex inkomplu nikbru u nissaħħu. Biex dan ikun possibbli l-Għaqda tagħna għandha bżonn kemm għajnuna finanzjarja kif ukoll dik ta’ ħidma volontarja. B’hekk tkun tista’ torganizza attivitajiet kulturali u anke dawk edukattivi. Barra minn hekk, il-manutenzjoni li jirrikjedi każin bħal tagħna hija waħda kontinwa u l-ispejjeż dejjem jiżdiedu. Għalhekk il-finanzi huma element importanti fit-tmexxija ta’ kull għaqda u kull ma jsir trid il-flus għalih, anke fir-rigward ta’ proġetti li diġà nbdiet ħidma fuqhom biex dawn ikunu jistgħu jitkomplew. Jiena nappella biex tkomplu tagħtuna l-appoġġ tagħkom ilkoll biex flimkien nimxu ’l quddiem kemm għalina u għal dawk ta’ warajna wkoll.

Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk kollha li offrew l-għajnuna finanzjarja tagħhom fl-iskema ‘Agħti pilastru’ u kull donazzjoni oħra li ġiet mogħtija lill-Għaqda tagħna. Grazzi wkoll lil dawk kollha li bil-ħidma volontarja tagħhom ikunu qed jgħinuna nkomplu l-proġetti mixtieqa. Dan kollu jagħtina kuraġġ kbir u huwa ferm apprezzat.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Grupp tas-Sezzjoni Żgħażagħ għall-ħidma volontarja tagħhom flimkien mal-għajnuna kontinwa li jagħtu lill-għaqda tagħna speċjalment f’dawn l-aħħar jiem fis-sehem tagħhom waqt ġbir ta’ fondi u tqassim ta’ kotba. Inħeġġeġ għalhekk sabiex aktar żgħażagħ jingħaqdu flimkien u joffru l-għajnuna volontarja lill-Għaqda Mużikali Imperial. Dawn żgur ikunu ta’ fejda għall-istess għaqda u għall-Mellieħa kollha. Ma ninsewx li ż-żgħażagħ tal-lum huma l-mexxejja ta’ għada.

Grazzi wkoll kbira lil dawk kollha involuti fit-tmexxija tas-sit elettroniku tal-każin tagħna www.imperialbandclub.com. Permezz tagħhom qed nilħqu firxa iktar wiesgħa ta’ nies u emigranti li żgur isegwu u jingħaqdu qalb waħda magħna fl-attivitajiet li torganizza l-Banda Imperial.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat Direttiv u Kumitat Nisa għall-għajnuna fejjieda li huma jagħtu. Grazzi wkoll lill-membri, u benefatturi, flimkien ma’ dawk kollha li jirreklamaw f’dan il-ktejjeb li mingħajrhom l-Għaqda Mużikali Imperial ma tkunx tista’ tkompli miexja ’l quddiem fit-triq tas-suċċess.

ZIGZAG EMBROIDERY

For all your Embroidery needs
We digitise your logo ourselves
We are also suppliers of T-Shirts,
Caps & other Garments

A: “Aurora”, Reggie Miller Street, Gzira - GZR05, Malta
T: +356 2131 6296 / +356 9917 0181 / + 356 9929 0681
E: info@zigzagmalta.com